MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Numru 452/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**

**vs**

**Shiann Calleja**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Shiann Calleja ta’ 19-il sena, iben Anna Calleja, imwieled Pieta’ fit-23 ta’ Lulju 1992 u residenti gewwa Sweet Heaven, Triq Zaccaria Roncali, Bubaqra, Zurrieq u/jew 1, Triq Bubaqra, Zurrieq u detentur ta’ karta tal-identita’ numru 473192M gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fl-1 ta' April 2012 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, bhala cittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, gibed jew ippermetta li jingibed xi ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indecenti ta' persuna ta' taht l-eta', jew qassam jew wera ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indecenti bhal dawn, jew kellu fil-pussess tieghu ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indecenti bhal dawn liema reat hu aggravat bil-fatt li xi whud minn dawn ir-ritratti, films video recordings jew xbiehat elettronici indicenti juru persuni taht l-eta' li ma kinux ghalqu d-disa' snin, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 208(A) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-11 ta' Dicembru 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll ikkunsidrat il-fatt li ghandu fedina penali netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 208 (A) tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u tikkundannah sentejn(2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' erba'(4) snin millum.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali, l-Qorti tpoggi lill-imputat taht Ordni ta’ Supervizjoni taht is-supervizjoni tal-Probation Officer Chantelle Avellino u l-Qorti inoltre tordna l-hrug ta’ treatment order ghall-perijodu ta’ sentejn(2) millum fejn l-imputat ghandu jiehu l-kura kollha mehtiega sabiex jeghleb il-problemi li ghandu u skond it-treatment plan imhejji mill-Ufficjal sorveljanti taht il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta’ din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u l-Parole.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta’ dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------